**KARM BORG, Is-Santwarju parrokkjali Ta' Kerċem u ġrajjietu. Studju storiku, soċjo-reliġjuż. 1543-2011, ippubblikat mill-Parroċċa Ta' Kerċem, mitbugħ għand Gozo Press, Malta 2018, 360 paġna.**

# 500 sena ta' storja minsuġa fi ktieb mill-aqwa dwar Ta' Kerċem

**Riċensjoni ta' Francesco Pio Attard**

Fl-aħħar snin rajna f'bosta lokalitajiet tagħna mewġa ta' pubblikazzjonijiet ġodda, voluminużi u lussużi, b'tiżwiqa ħelwa ta' ktiba u fotografija, dwar l-istorja ekkleżjastika ta' Għawdex. Poplu li kapaċi jagħmel memorja tal-ġrajjiet li sawruh, li jaf ikun grat lejn dawk li ġew qablu, hu poplu li għandu futur.

Għalhekk kien ta' sodisfazzjon kbir għalija li fl-aħħar jiem inqalleb f'idejja l-ktieb *Is-Santwarju parrokkjali Ta' Kerċem u ġrajjietu 1543-2011* ta' Mons. Karm Borg. Bħala iben ir-raħal Ta' Kerċem u saċerdot tal-Parroċċa tiegħu ta' San Girgor il-Kbir u l-Madonna tas-Sokkors, imma wkoll bil-ħila kbira ta' riċerkatur tal-istorja, Dun Karm ilu issa snin sħaħ jiġbor b'dedikazzjoni u paċenzja kbira l-materjal li jiltaqa' miegħu biex saflaħħar seta' jasal għal dan l-*opus magnum* tiegħu, li hu jippreżentahulna b'serjetà, metodoloġija u passjoni.

L-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex, li hu wkoll iben l-istess raħal, fil-Kelmtejn ta' qabel isejjaħlu "xogħol monumentali". Kotba bħal dawn, jgħid l-Isqof Grech, permezz ta' riċerka intellettwali sinċiera jgħinuna naqraw l-istorja bil-lenti t-tajba u jbegħduna mill-"banalizzazzjoni tal-fidi espressa f'kultura".

L-awtur innifsu jippreżenta x-xogħol tiegħu bħala "studju storiku, soċjo-reliġjuż". Dan ifisser li t-tagħrif li fih, imqar jekk miġbur taħt titlu reliġjuż u ppreżentat f'sekwenza kronoloġika, ma jillimitax ruħu biss għall-ġrajjiet tal-Parroċċa Ta' Kerċem, imma jimraħ ukoll fil-ħajja soċjali li miegħu hu msensel l-iżvilupp reliġjuż ta' dan ir-raħal antik, imżejjen b'tant imkejjen naturali. Mil-Lunzjata għal Għar Gerduf, minn Tal-Wardija għal Santa Luċija, mal-medda tas-snin Ta' Kerċem kiber minn daqsxejn ta' kontrada fil-limiti tar-Rabat għal parroċċa mwaqqfa fl-1885, illum waħda mill-iżjed ħajjin fid-Djoċesi ċkejkna ta' Għawdex.

Mit-tnissil tal-kelma 'Kerċem' fis-seklu sittax sal-ewwel ċentinarju tal-Konsagrazzjoni tal-knisja parrokkjali seba' snin ilu, wieħed u għoxrin kapitlu mdaqqsin jeħduna fi vjaġġ interessantissmu tul l-istorja ċivili u Nisranija ta' dan il-poplu ċkejken li ta lil Għawdex ukoll ulied kbar, bħalma kienet il-Qaddejja ta' Alla Margerita De Brincat. Ħarsa ħafifa lejn il-Werrej turi waħidha l-firxa wiesgħa ta' ġrajjiet li l-awtur jittratta b'mod mirqum, u għalhekk wieħed irid sempliċiment jixtri l-ktieb u jqallbu sewwa biex japprezza l-kwantità ta' tagħrif li fih.

Għalkemm it-titlu jindika s-sena 2011 bħala l-limitu kronoloġiku li għażel l-awtur għar-rakkont tiegħu, biex żgur ikun kopra kollox hu ma naqasx li fl-epilogu jsemmi l-aktar ġrajjiet riċenti sa żmienna. Kull ġrajja għandha warajha bosta riferenzi għal sorsi oriġinali, kif wieħed isib fin-noti numerużi f'riġlejn kull paġna u fil-bibljografija mdaqqsa fl-aħħar tal-ktieb. Serje ta' tmien appendiċi jiġbru wkoll materjal ieħor ta' riferenza, bħal tabelli u listi, skrizzjonijiet kommemorattivi u letteratura reliġjuża devozzjonali.

Il-ktieb ta' format A4, stampat b'kopertina ħoxna u karta lussuża, u b'360 paġna tal-kulur, ġie ppubblikat mill-Parroċċa Ta' Kerċem u mitbugħ għand Gozo Press; il-kwalità għolja tad-disinn u l-istampa hi prova tal-professjonalità ta' din l-istamperija tal-Knisja f'Għawdex. Barra għadd ta' ritratti qodma minn diversi arkivji privati u ekkleżjastiċi, hu mżejjen b'bosta oħrajn meħuda mill-fotografu Raymond Grech, li mhumiex hemm sempliċiment biex isebbħu jew jimlew il-vojt, imma jillustraw u jżidu jispjegaw it-test waqt li jgħinu għal qari eħfef tiegħu.

Kollox ma' kollox, Mons. Borg qed joffrilna, f'lingwaġġ aċċessibbli, nisġa ta' ħames mitt sena u iżjed ta' dak li għadda minnu l-poplu Kerċmi, fil-kuntest tal-istorja iktar wiesgħa tal-gżejjer tagħna. Kif jistqarr tant tajjeb fil-Preżentazzjoni tiegħu l-istoriku Mons. Dr Joseph Bezzina, "bla dubju ta' xejn, dan huwa ktieb li huwa ta' interess mhux biss għan-nies Ta' Kerċem, iżda għal dawk kollha li jħobbu l-istorja ċivili u reliġjuża ta' Għawdex u Malta".




Jista' jinkiseb mill-Uffiċċju Parrokkjali Ta' Kerċem jew mingħand l-awtur.